MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 1007/2003

**Joseph Cini ghan-nom ta` Cini tal-Mija Limited**

**Vs**

**Kevin Camilleri f'ismu proprju ukif ukoll ghan-nom ta` KCV u Big Bun u b'digriet datat 5 ta` Lulju, 2007 gie korrett isem il-konvenut fis-sens li titnehha l-kelma 'Big Bun' u wara 'KCV' jizdiedu l-kliem 'Bakers Co. Ltd.' u b'digriet iehor datat 14 ta` Frar, 2008 gie kkjamat fil-kawza Louis Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-21 ta` Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, tliet mija u hdax il-lira maltija llum ekwivalenti ghal Euro3,053.80c rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra nterpellatorja datata 26 ta` Marzu, 2003 u ta` ittra ufficcjali datata April, 2003 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuti li minn issa jinsabu ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Kevin Camilleri datata 3 ta` Mejju, 2004 li permezz taghha kkontesta t-talba attrici billi jafferma li huwa ma hux debitur tas-socjeta` attrici filwaqt li KCV u Big Bun ma humiex entitajiet guridici u li huwa ma jirrapprezentahomx. Illi barra minnhekk is-socjeta` attrici tkun trid tipprova l-kreditu pretiz.

B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Louis Vella datata 7 ta` Mejju, 2008 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens li jallega li l-ammont mitlub ma hux dovut u li t-talba relattiva hija ormai preskritta fil-konfront tieghu. Inoltre jafferma li huwa bhala mpjegat tas-socjeta` attrici dejjem kien ighaddilha l-hlasijiet li kien jigbor ghan-nom taghha.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-konvenuti u kjamat fil-kawza.

Ikkunsidra.

Joseph Cini ghan-nom tas-socjeta` attrici ressaq il-provi tieghu tramite l-affidavit tieghu stess fejn stqarr li s-socjeta` tieghu kienet tissupplixxi lill-konvenuti diversi prodotti tat-tigieg. Il-konsenji kienu jsiru sew fil-hanut KCV tal-Fgura u kif ukoll gewwa Big Bun ta` Haz-Zabbar u dana skond hu kif jirrizulta minn prospett anness markat Dok. A liema prospett u Dok. A ma jirrizultawx pero` li gew prezentati u dana mhux biss il-ghaliex ma jinstabux fil-process izda lanqas ma hemm referenza ghalih la fin-nota a fol. 46 u anqas fil-folder a fol. 50 tal-process. Illi apparti

dan in-nuqqas is-socjeta` attrici ma resqet ebda prova ohra in sostenn tat-talba taghha – la tal-konsenji maghmula – la tal-pagamenti li hija rceviet akkont u kwindi tal-bilanc lilha dovut – la tad-destinatarji ta` l-istess konsenji – xejn affattu.

Il-konvenut Kevin Camilleri jistqarr li kien minnu li l-hanut Big Bun kien jixtri l-laham minghand is-socjeta` attrici pero` hu u siehbu certu Victor Sant dejjem hallsu regolarment ta` l-istess lis-salesman tas-socjeta` attrici Louis Vella il-kjamat fil-kawza. Meta ghamel verifiki fuq l-ammont li kien qed jintalab irrizultalu li kollha kienu thallsu lil Vella hlief ghal Lm180 li kienu ghadhom pendenti cioe` Euro419.28c.

Il-kjamat fil-kawza Louis Vella xehed li huwa kien jahdem mas-socjeta` attrici sa Jannar, 2003. Huwa jafferma li xogholu kien l-aktar fuq l-ordnijiet u mhux fuq id-deliveries ghalkemm gieli gabar flus minghand klijenti meta jkun qed jiehu xi ordni. Jistqarr ukoll illi minn mis-sena 2003 ‘l hawn qatt ma rcieva xi talba ghal hlas minghand is-socjeta` attrici.

Illi t-Tribunal jinnota mad-daqqa t’ghajn li l-provi mressqa f’dan il-kaz kienu skarsi ferm u certament wiehed jista` kommodament jikkonkludi li s-socjeta` attrici naqset bi kbir li tressaq provi sufficcjenti in sostenn tat-talba taghhom. L-unika prova konkreta li ngiebet favur is-socjeta` attrici kienet l-affermazzjoni ta` l-konvenut Kevin Camilleri nnifsu li fl-affidavit tieghu jistqarr li kien ghad fadal x’jithallas l-ammont ta` Euro419.28c (Lm180) – il-bqija ma ssib xejn ta` sustanza fil-process kollu.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici fir-rigward tal-konvenut Kevin Camilleri biss u limitatament ghall-ammont ta` Euro419.28c u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lil Kevin Camilleri sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Euro419.28c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez f’dan ir-rigward jibqghu bla taxxa bejn bejn l-istess konvenut Camilleri u s-socjeta` attrici. Fl-istess hin it-Tribunal qieghed jichad t-

talba attrici kemm fir-rigward tas-socjeta` konvenuta KCV Bakers Co Ltd u kif ukoll fil-konfront ta` l-kjamat fil-kawza Louis Vella u dana fuq nuqqas ta` provi. L-ispejjez ta` dawn l-ahhar zewg partijiet ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------